**MRIEĦEL SECONDARY SCHOOL**
**B.Bontadini Street, Mrieħel BKR 1722**
**B'Kara – BKR 1255**
**e-mail:** stc.imriehel.ss@ilearn.edu.mt
Tel: 25985750

18 ta' Jannar 2019

Għeżież Ġenituri,

Matul l-eżamijiet it-tifel/tifla tagħkom se jkollu/jkollha xi ġranet meta fihom ikun hemm eżami wieħed biss. Jekk dan ikun fit-tieni sessjoni, l-istudenti jistgħu jiġu l-iskola 20 minuta qabel jibda dan l-eżami. Jekk l-eżami jkun fl-ewwel sessjoni, u l-istudenti ma jkollhomx eżami fit-tieni sessjoni intom tistgħu tiġu għat-tfal tagħkom jew tagħtuhom permess joħorġu mill-iskola meta jispiċċa l-eżami. Però l-istudenti jistgħu jibqgħu jistennew fl-iskola sakemm isir il-ħin biex imorru lura d-dar bit-trasport tal-iskola. Jekk intom tiġu għat-tfal, jekk jogħġobkom stennew BARRA mill-bieb tal-iskola.

It-trasport isir f'ħin fejn il-maġġoranza kbira tal-istudenti jkunu lestew l-eżami/jiet tagħhom għal dik il-ġurnata. F'xi ġranet partikolari jista jkollna xi każijiet fejn it-trasport ikun sar avolja xi tfal ikun għad baqgħalhom eżami. F'dawn il-każijiet intom ġentilment mitluba tipprovdu trasport għat-tfal tagħkom.

Biex l-istudenti jkunu jistgħu joħorġu bil-mixi wara l-ewwel eżami intom tridu tiffirmawlhom in-nota ta' wara, li t-tfal tagħkom iridu jippreżentaw huma u ħerġin.

Matul l-eżamijiet orali tal-lingwi ma jkunx hemm trasport tal-iskola. Hekk kif l-istudenti jlestu mill-eżami orali huma jipproċedu lejn id-dar.

Grazzi

.

Is-Sur J. Attard
Kap tal-Iskola